**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Nru. 39/20 JZM**

**L-Avukat Peter Fenech (K.I. 67468M) kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Stoffhandel GmbH registrata gewwa l-Awstrija bin-numru ufficjali 121121W**

***kontra***

**(1)**

**Scholarship Services Limited (C-64792)**

***u***

**(2)**

**Nian Management Inc socjeta` estera registrata fil-BVI bin-Numru ta` Registrazzjoni 1721208**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentat il-konvenuta Scholarship Services Limited fit-12 ta` Jannar 2021 (a fol 116 et seq).**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` l-konvenuta Scholarship Services Limited fejn talbet **is-soprasessjoni** ta` l-kawza fl-ismijiet premessi, skont kif u ghaliex indikat fir-rikors.

Rat id-dokument li kien anness mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Jannar 2021.

Rat ir-risposta li pprezenta l-attur noe fl-1 ta` Frar 2021.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Frar 2021.

Semghet is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti.

**Ikkunsidrat :**

Il-mandanti tal-attur u l-konvenuta Nian Management huma azzjonisti tal-konvenuta Scholarship Services Limited. Hemm kwistjoni bejniethom dwar it-tmexxija tal-affarijiet ta` Scholarship Services Limited. Dan huwa mertu tal-kawza odjerna. Fil-mori tal-kawza, sar

*settlement agreement* bejn l-*ultimate beneficial owners* tal-mandanti tal-attur u ta` Nian Management kontententi pattijiet u kondizzjonijiet, li jekk imwettaq ma kienx ihalli aktar skop li tkompli ghaddejja din il-kawza. Il-pattijiet jinkludu li l-gurisdizzjoni u l-ligi li tirregola s-*settlement agreement* hija dik ta` Israel. Inqalghet kwistjoni dwar it-twettieq tas-*settlement agreement* fis-sens illi min-naha tal-*ultimate beneficial owners* tal-mandanti tar-rikorrent qed jinghad illi l-parti l-ohra kienet inadempjenti fl-osservanza tal-pattijiet u fil-kondizzjonijiet tal-ftehim bil-konsegwenza li dak il-ftehim m`ghadux veljanti, waqt li l-*ultimate beneficial owners* fuq in-naha l-ohra qeghdin jikkontendu li ma kienx hemm inadempjenzi mputabbli lilhom. Kienet prezentata kawza minn dawn tal-ahhar fid-District Court ta` Tel Aviv, Israel, (ara d-dokument li kien prezentat mar-rikors mertu ta` dan il-provvediment) sabiex *inter alia* jkun dikjarat li s-*settlement agreement* ghadu fis-sehh, posizzjoni din li qeghda tkun kontestata fil-kawza mill-kontroparti. Bir-rikors odjern Scholarship Services Limited qeghda titlob lil din il-qorti sabiex tissoprasjedi fil-kawza odjerna sakemm tkun deciza u tghaddi in gudikat il-kawza pendenti f`Israel.

**Ikkunsidrat :**

Skont il-gurisprudenza, ikun hemm lok li s-soprasessjoni ta` kawza tkun akkordata meta l-provvediment ikun spedjenti (ara : **<u>Kollez Vol XXXIX.I.467</u>** ; Appell Civili – "**<u>Cassar v. Xuereb</u>**" – 12 ta` Marzu 1973). Il-fattur ta` spedjenza ma jistax ikun mera possibilita'. B`referenza ghall-kaz tal-lum, sabiex l-ispedjenza tkun tissussisti, irid jintwera li d-decizjoni tad-District Court ta` Tel Aviv f`Israel tinfluwixxi "*a planta pedis*" fuq **<u>il-mertu</u>** tal-kawza odjerna.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**Degaetano v. Galea et noe**", inghad illi :-

*"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza"*.

Tajjeb li jkun riaffermat illi s-soprasessjoni huwa **rimedju straordinarju** li ghandu jigi applikat **biss jekk ikun necessarju** fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. [**Kollez Vol XLI.I.507** ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri v. Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

Il-principju **ewlieni** ghandu jibqa` li kawza ghandha tibda u tibqa` tinstema' b`heffa (mhux ghagla) sa ma tkun deciza. Ghalhekk soprasessjoni ta` kawza ghandu jitqies bhala mizura **eccezzjonali** ghaliex jiffrena l-andament normali ta' kif ghandhom jipprocedu l-kawzi.

Wara li qieset (a) x`inhu l-mertu tal-kawza li kienet istitwita f`Israel, (b) min huma l-kontendenti, (c) x`hinu l-mertu tal-kawza odjerna, u (d) min huma l-partijiet, il-qorti ma tarax li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha u takkorda s-soprasessjoni ta` din il-kawza, ghax ma ssibx li **l-mertu** tal-kawza istitwita f`Israel jinfluwixxi fuq **il-mertu** tal-kawza odjerna.

Il-qorti tishaq li m'ghandux ikun hemm soprasessjoni jekk il-parti avversa ghal min ikun ressaq it-talba tkun se jbati pregudizzju. Fil-kaz odjern, l-element tal-pregudizzju ghall-mandanti tal-attur jissussisti realment. Tghid dan mhux biss wara li semghet is-sottomissjonijiet waqt it-trattazzjoni tar-rikors izda wkoll wara li qieset kif qed jigi premess mill-attur noe fil-kawza li ghandha quddiemha u x`qieghed jintalab. It-talba ghas-soprasessjoni ta` din il-kawza kienet opposta.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad it-talba ta` Scholarship Services Limited kif dedotta fir-rikors taghha tat-12 ta` Jannar 2021, spejjez ghall-istess Scholarship Services Limited.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**